



Brussell, 8 ta' Lulju 2019
(OR. en)

11060/19

Fajl Interistituzzjonali:
2019/0109(NLE)

SCH-EVAL 120
ENFOPOL 334
COMIX 353

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	8 ta' Lulju 2019
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 10385/19	
Suġġett:	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tagħti rakkomandazzjoni biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjoni tal-2018 tar-Repubblika tal-Litwanja dwar l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tagħti Rakkomandazzjoni biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjoni tal-2018 tar-Repubblika tal-Litwanja dwar l-applikazzjoni tal-*acquis* ta' Schengen fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija, adottata mill-Kunsill fil-laqgħa tiegħu tat-8 ta' Lulju 2019.

F'konformità mal-Artikolu 15(3) tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1053/2013 tas-7 ta' Ottubru 2013, din ir-Rakkomandazzjoni ser tintbagħat lill-Parlament Ewropew u lill-Parlamenti nazzjonali.

RAKKOMANDAZZJONI

biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjoni tal-2018 tar-Repubblika tal-Litwanja dwar l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1053/2013 tas-7 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ biex jivverifika l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kumitat Eżekuttiv tas-16 ta' Settembru 1998 li stabbilixxiet Kumitat Permanenti għall-evalwazzjoni u l-implimentazzjoni ta' Schengen¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 15 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) L-għan ta' din id-Deċiżjoni huwa li tirrakkomanda lil-Litwanja azzjonijiet korrettivi biex tindirizza n-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjoni ta' Schengen fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija li saret fl-2018. Wara l-evalwazzjoni, rapport li jkopri l-kostatazzjonijiet u l-valutazzjonijiet u li jelenka l-aħjar prattiki u n-nuqqasijiet identifikati matul l-evalwazzjoni, ġie adottat bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2019) 660.
- (2) Jenħtieġ li din id-Deċiżjoni li tagħti rakkomandazzjoni tintbagħat lill-Parlament Ewropew u lill-parlamenti tal-Istati Membri. Jenħtieġ li, fi żmien sitt xhur mill-adozzjoni tagħha, l-Istat Membru evalwat, skont l-Artikolu 16(8) tar-Regolament (UE) Nru 1053/2013, jagħti l-valutazzjoni tiegħu lill-Kummissjoni tal-implimentazzjoni possibbli tar-rakkomandazzjonijiet li fihom indikazzjonijiet għal titjib ulterjuri possibbli u deskrizzjoni tal-azzjonijiet meta dan ikun meħtieġ.

¹ ĠU L 295, 6.11.2013, p. 27.

B'DAN JIRRAKKOMANDA:

li l-Litwanja għandha:

1. iżżid malajr il-kontribut tagħha u l-użu tagħha tas-Sistema ta' Informazzjoni tal-Europol (EIS), b'mod partikolari pereżempju permezz tal-implimentazzjoni sħiħa tal-karigatur eżistenti ta' data;
2. ittejjeb il-Browser POLIS sabiex timplimenta tiftix b'loġika fuzzy *u tiżgura* d-dehra b'mod awtomatiku (pop-up) ta' marki ta' twissija/azzjonijiet li għandhom jittieħdu rilevanti;
3. taġġorna s-Sistema ta' Ġestjoni ta' Każijiet (ILOS) sabiex timers (skadenzi) jingħataw b'mod awtomatiku;
4. tissorvelja mill-qrib il-ħtieġa possibbli ta' persunal fil-Punt Uniku ta' Kuntatt (SPOC) sabiex jipprovdu għal għadd dejjem akbar ta' kompiti u talbiet relatati;
5. tqajjem sensibilizzazzjoni dwar linji gwida eżistenti tal-UE dwar l-użu ta' mezz ippreferut ta' komunikazzjoni;
6. tqajjem sensibilizzazzjoni dwar il-benefiċċju ta' Deċiżjoni Qafas Żvediża (SFD)¹ u għodod ta' kooperazzjoni tal-pulizija internazzjonali bħall-bażijiet ta' data tal-Interpol pereżempju permezz tat-taħriġ tal-utenti finali;
7. tiżviluppa taħriġ speċifiku għal persunal SPOC, inkluż kors tal-lingwa.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President

¹ Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2006/960/ĠAI tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar is-simplifikazzjoni tal-iskambju ta' informazzjoni u intelligence bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea.